**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 299/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Kimberly Vassallo (ID 306096(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2017 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u sebgha u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmi (€1237.73) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40476382, bl-ispejjez u drittijiet, inkliz dawk tal-ittra ufficjali 647/16, u bl-imghaxijiet legali sa mid-19 ta' April, 2016 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji moghtija fis-seduta tal-lum li permezz taghha ikkonfermat li ma sar ebda hlas mill-intimata fil-mori u li kwindi l-ammont kollu kif mitlub ghadu dovut minnha.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-lum.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mill-20 ta' Novembru, 2017 data tan-notifika lill-intimata tal-avviz odjern u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mitejn u sebgha u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmi (€1237.73) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40476382,

bl-ispejjez u drittijiet, inkliz dawk tal-ittra ufficjali 647/16, u bl-imghaxijiet legali fuq l-istess sorte sa mill-20 ta' Novembru, 2017.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**